MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Illum it-18 ta' Diċembru, 2015**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1897/2015LM fl-ismijiet:**

**Odette Farrugia [detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 334369(M)], Edward u Angela konjuġi Azzopardi [detenturi tal-karta tal-identità bin-numru 411083(M) u 294384(M) rispettivament], Carmen Wilson [detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 490224(M)] u Mary Rose Vella [detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 596652(M)]**

**vs**

**Falzon Construction Company Limited [C12087]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Odette Farrugia, Edward u Angela konjuġi Azzopardi, Carmen Wilson u Mary Rose Vella** (minn issa 'l quddiem ir-

rikorrenti) ippreżentat fis-7 ta' Diċembru, 2015 fejn talbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Rikors") għar-raġunijiet li ġejjin li:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu l-intimata milli twettaq kwalsiasi xogħol, kostruzzjoni jew żvilupp li b'konsegwenza tiegħu jitnaqqas id-daqs tal-bejt tal-blokk ta' appartamenti magħruf bħala "Sunhaven" fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar.*

*Peress illi jidher li l-intimata beħsiebha twettaq tali xogħol, kostruzzjoni jew żvilupp b'mod imminenti, din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba li takkorda t-talba provviżorjament kif jipprovdi l-Artikolu 875(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Illi permezz ta' kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Anthony Abela fl-10 ta' April, 1992 (DOK A), l-esponenti Mary Rose Vella akkwistat mingħand is-soċjetà Falzon Construction Limited il-flat internament immarkat bin-numru wieħed, li qiegħed fl-ewwel sular, u formanti parti minn blokk ta' tmien flats, liema blokk għalkemm bla numru jġib l-isem "Sunhaven", fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, u liema flat huwa aħjar deskritt fuq l-istess att. L-esponenti Mary Rose Vella, flimkien mal-flat appena msemmi, akkwistat ukoll, fost drittijiet oħra, id-dritt tal-użu, in komunanza mal-proprjetarji tal-flats l-oħra fl-istess blokk, tal-partijiet kollha tal-istess blokk, inkluż tal-bejt tal-istess blokk, u bid-dritt li twaħħal tank tal-ilma u television aerial fuq l-istess bejt u bid-dritt ta' aċċess għall-istess bejt għall-manutenzjoni u riparazzjoni tal-istess.*

*Illi permezz ta' kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Pierre Attard fil-5 ta' Settembru, 1992 (DOK B), l-esponenti Odette Farrugia akkwistat mingħand soċjetà Falzon Construction Limited il-flat internament immarkat bin-*

*numru erbgħa, sottopost għal beni ta' terzi u formanti parti minn blokk ta' flats bla numru iżda msemmi "Sunhaven", fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, u liema flat huwa aħjar deskritt fuq l-istess att. Flimkien mal-istess flat l-esponenti Odette Farrugia akkwistat ukoll, fost drittijiet oħra, id-dritt ta' użu in komun mal-proprjetarji tal-flats fl-istess blokk tal-partijiet komuni kollha fl-imsemmi blokk, fosthom l-aħħar bejt li minn żmien għal żmien ikun hemm fuq l-isemmi blokk, kif ukoll bid-dritt li twaħħal tank tal-ilma u television aerial fuq il-bejt tal-isemmi blokk flats, bid-dritt ta' aċċess għall-manutenzjoni u riparazzjoni perijodika tagħhom.*

*Illi b'kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Henri Vassallo fil-25 ta' Ottubru, 2004 (DOK C), l-esponenti Carmen Wilson akkwistat mingħand Carmelo u Rosina konjuġi Pace – suċċessuri fit-titolu tas-soċjetà Falzon Construction Company Limited – il-flat internament immarkat bin-numru tnejn, li qiegħed fl-ewwel sular formanti parti minn blokk ta' flats bla numru u magħruf bl-isem "Sunhaven", fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, u liema flat huwa aħjar deskritt fuq l-istess att. Flimkien mal-imsemmi flat, l-esponenti Carmen Wilson akkwistat ukoll, fost drittijiet oħra, id-dritt ta' użu in komun mal-proprjetarji tal-flats fl-istess blokk tal-partijiet komuni kollha fl-imsemmi blokk, fosthom l-aħħar bejt li minn żmien għal żmien ikun hemm fuq l-isemmi blokk, kif ukoll bid-dritt li twaħħal tank tal-ilma u television aerial fuq il-bejt tal-isemmi blokk flats, bid-dritt ta' aċċess għall-manutenzjoni u riparazzjoni perijodika tagħhom.*

*Illi b'kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Fiona Armeni fit-12 ta' Settembru, 2006 (DOK D), l-esponenti konjuġi Azzopardi akkwistaw mingħand l-aħwa Kerstin Helena Petrig-Wydler u Marta Cecilia Wydler – suċċessuri fit-titolu tas-soċjetà Falzon Construction Company Limited – il-flat internament immarkat bin-numru tlieta, formanti parti minn blokk ta' flats bla numru u magħruf bl-isem "Sunhaven", fi Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, u liema flat huwa aħjar deskritt fuq l-istess att. Flimkien mal-imsemmi flat, l-*

*esponenti konjuġi Azzopardi, fost drittijiet oħra, akkwistaw ukoll "… the right of use of the common roof, namely with the right to install and maintain a television aerial and water tank and to use the roof for the hanging and drying of clothes…".*

*Illi l-intimata hija beħsiebha li twettaq żvilupp edilizju fuq il-bejt u l-arja tal-blokk ta' flats li minnu l-flats tal-esponenti jiffurmaw parti, liema żvilupp se jkun konsistenti fil-kostruzzjoni ta' penthouse. Fil-fatt, l-intimata diġà ottjeniet permess ta' żvilupp mingħand l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar (DOK E), liema permess iġib in-numru PA02592/14, minkejja l-oġġezzjonijiet tal-esponenti. Minkejja li l-esponenti interponew appell mill-ħruġ ta' dan il-permess, jidher li l-intimata beħsiebha tissokta bl-iżvilupp, tant li anke bagħtet lill-periti tagħha sabiex jispezzjonaw il-proprjetajiet tal-esponenti sabiex jirrelataw dwar il-kondizzjoni tal-istess, u dan in kontemplazzjoni tat-twettiq tal-istess żvilupp.*

*Illi dan l-iżvilupp se jippreġudika irrimedjabbilment id-drittijiet tal-esponenti, billi se jfixkel u se jnaqqas, jekk mhux addirittura jġib fix-xejn, id-dritt ta' użu u ta' tgawdija li jinsab vestit fihom fir-rigward tal-bejt tal-blokk ta' appartamenti inkwistjoni.*

*Illi għalhekk qed isir dan ir-rikors.*

*Illi l-esponenti ser jiġu ppreġudikati jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intimata **Falzon Construction Company Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata") ippreżentata fl-10 ta' Diċembru, 2015 li tgħid kif ġej:

> *Illi hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, stante li hija ma għandha l-ebda prorpjetà fil-blokk ta' appartamenti "Sunhaven", Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar. Isegwi li, kontra dak allegat mir-rikorrenti, is-soċjetà intimata mhijiex ser twettaq l-ebda żvilupp.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Diċembru, 2015 fejn l-Avukat Aldo Vella għas-soċjetà intimata informa lill-Qorti kif ġej:

> *"Illi b'riżoluzzjoni adottata fis-17 ta' Awwissu, 2015 il-kumpannija ġiet stralċjata u dakinhar stess ġie maħtur bħala likwidatur Dominic Chircop. Avviż ta' dan ingħata lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet fis-26 ta' Awwissu, 2015. Inoltre Dr Vella informa lill-Qorti li bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tas-16 ta' Ottubru, 2015 is-soċjetà intimata ddisponiet mill-proprjetà tagħha. Il-proprjetà għaddiet għand Alexander Falzon azzjonist tal-istess soċjetà. Bis-saħħa ta' kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tad-19 ta' Ottubru, 2015, Alexander Falzon għadda b'titolu ta' donazzjoni dak li hu kien akkwista lil bintu Joanne Vassallo".*

Peress li mhuwiex ikkontestat li l-proprjetà inkwistjoni fejn allegatament se jseħħ l-iżvilupp, illum hija proprjetà ta' terzi persuni u mhux tas-soċjetà intimata.

**Għaldaqstant qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li *prima facie* r-rikorrenti m'għandhom l-ebda jedd x'jikkawtelaw fil-konfront tas-soċjetà intimata. Tordna li s-soċjetà intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors.**

**Tikkundanna lir-rikorrenti jħallsu l-ispejjeż ta' din il-proċedura.**